



Brussell, 5 ta' Jannar 2026

CM 5563/1/25  
REV 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0357(NLE)**

---

---

**ASILE  
JAI  
MIGR  
FRONT  
RELEX  
PROCED**

### **KOMUNIKAZZJONI**

#### **PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

---

Kuntatt: jai.migration@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32 2 281 6418

---

Suġġett: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026 - Tmiem il-proċedura bil-miktub

---

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 5555/25 fid-19 ta' Diċembru 2025 tlestiet fit-22 ta' Diċembru 2025 f'**12:00** CET (ħin ta' Brussell) u li d-delegazzjonijiet kollha, ħlief l-Ungerija u s-Slovakkja li vvutaw kontra u Ċipru, il-Latvja, il-Portugall u Spanja li astjenew, ivvutaw favur l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026, kif tinsab fid-dokument 16574/1/25 REV1.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq hija adottata.

Id-dikjarazzjonijiet mil-Latvja, is-Slovakkja u Spanja huma riprodotti fl-Anness għas-CM u ser jiġu inklużi fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

**DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA**

**dwar**

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026**

Il-Latvja taferma mill-ġdid bis-sħiħ li l-prinċipji tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà huma elementi ewlenin tal-politika komuni sostenibbli dwar il-migrazzjoni. F'dan l-ispirtu, aħna impenjati li nimplimentaw il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Fl-istess ħin, jiddispijja li l-metodoloġija tal-Kummissjoni rigward il-valutazzjoni u konsegwentement id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026, kienet tiddependi ħafna minn indikaturi kwantitattivi, li ma kinux jirriflettu bis-sħiħ is-sitwazzjoni reali fil-prattika u lanqas ma pprovdew stampa ċara u komprensiva għall-Istati Membri kollha. Pereżempju, il-pożizzjoni ġeografika, ir-riskji għas-sigurtà ffaċċati kif ukoll l-isforzi biex jissaħħu l-fruntieri esterni tagħna minħabba l-pajjiżi ġirien ostili ma tqisux biżżejjed.

Aħna nemmnu li l-valutazzjonijiet futuri jridu jintegraw aħjar il-fatturi kwalitattivi, jiġifieri l-ispeċifitajiet reġjonali, u r-realtajiet tas-sigurtà li qed jevolvu, filwaqt li jiżguraw li l-miżuri ta' solidarjetà jkunu kemm ġusti kif ukoll fattibbli.

Il-Latvja tqis b'mod qawwi li hija qed tiffaċċa sitwazzjoni migratorja sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u għalhekk talbet tnaqqis sħiħ tal-kontribuzzjonijiet imwiegħda tagħha għar-Riżerva ta' Solidarjetà għall-2026.

Ser inkomplu d-djalogu kostruttiv mal-Kummissjoni Ewropea biex niżguraw li l-isfidi fis-salvagwardja tal-fruntieri esterni tal-UE jiġu riflessi bis-sħiħ u b'mod preċiż f'valutazzjonijiet futuri.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Latvja ser tastjeni mill-votazzjoni dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA SLOVAKKA**

**dwar**

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-**

**2026**

Ir-Repubblika Slovakka tesprimi r-rispett tagħha għad-dedikazzjoni u l-isforzi tal-Presidenza Daniża u tal-Kummissjoni Ewropea fit-tnedija tal-ewwel Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni. Nibqgħu impenjati li nappoġġaw inizzjattivi li jrawmu politika tal-UE dwar il-migrazzjoni ġestita, ġusta u sostenibbli.

Minn Marzu 2022, aktar minn 175 000 Ukren ingħataw protezzjoni temporanja fis-Slovakkja. Dan poġġa pressjoni sinifikanti fuq il-kapaċitajiet tar-Repubblika Slovakka, inkluż is-sistemi soċjali, tas-saħħa u dawk edukattivi tagħha, kif ukoll il-kapaċità tagħha li tipprovdi akkomodazzjoni adegwata. Barra minn hekk, ir-Repubblika Slovakka ffaċċat sfida sostanzjali mill-migrazzjoni sekondarja fuq ir-rota tal-Balkani tal-Punent bejn l-2022 u l-2023. Matul dan il-perjodu, l-għadd ta' dħul illegali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi qabeż id-59 000. Il-fatt li r-Repubblika Slovakka ma ġietx inkluża fil-lista ta' pajjiżi li qed jiffaċċaw sitwazzjoni ta' migrazzjoni sinifikanti, minkejja l-popolazzjoni u l-PDG tagħha, huwa inkwetanti. Konsegwentement, u f'konformità mal-Artikolu 62, il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2024/1351 dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, ir-Repubblika Slovakka talbet formalment tnaqqis sħiħ tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għall-2026 permezz ta' ittra ministerjali fl-aħħar ta' Novembru 2025.

Matul il-laqgħa tal-Kunsill ĠAI tat-8 ta' Diċembru 2025, ir-Repubblika Slovakka esprimiet diversi oġġezzjonijiet rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi r-riżerva ta' solidarjetà annwali. Dan it-tħassib jinkludi: nuqqas ta' qbil man-numru ta' referenza u l-argument li l-flussi migratorji jiżdiedu aktar fit-tieni nofs tas-sena, il-kunflitt mar-rekwiżit tal-AMMR u l-fatt li l-Kunsill huwa meħtieġ jiddeċiedi dwar it-tnaqqis, li jista' jseħħ biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni dwar ir-riżerva ta' solidarjetà, u l-kunċett ta' "solidarjetà ta' legat" li ngħata l-isem ġdid ta' "forom oħra ta' appoġġ ta' solidarjetà", li ma għandux bażi fl-AMMR.

Fid-dawl tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, ir-Repubblika Slovakka ma tistax tappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill u tivvota kontriha.

**Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja, li għandha titniżżel fil-minuti tal-Kunsill**

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tar-riżerva annwali ta' solidarjetà għall-2026 (16575/1/25 REV1)**

1. Spanja hija impenjata lejn l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, maqbul taħt il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill fl-2023. Dan il-Patt jikkostitwixxi pass storiku fl-iżvilupp ta' politika komprensiva tal-UE u qafas legali għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. Il-Patt huwa bbażat fuq il-bilanċ minqax fil-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà.
2. Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà obligatorju għandu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li ġarrew aktar responsabbiltà fi kwistjonijiet ta' migrazzjoni, għall-benefiċċju tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-Kummissjoni Ewropea ddeterminat li Spanja tinsab f'din is-sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja, abbażi ta' data miġbura bejn Lulju 2024 u Ġunju 2025. Spanja tagħraf l-ispeċifitàjiet tas-sitwazzjoni migratorja fl-Istati Membri differenti, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà obligatorju jservi lill-pajjiżi kollha b'mod effettiv fi ħdan il-qafas legali maqbul.
3. Sabiex din ir-responsabbiltà tkun kondiviża b'mod ġust, il-Kummissjoni identifikat li l-ħtiġijiet ta' solidarjetà tal-Unjoni jammontaw għal 30 000 rilokazzjoni jew EUR 600 miljun f'kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-istess sena 2026. Dawn l-ammonti jikkostitwixxu l-livell minimu stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament 2024/1351 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni (AMMR).
4. Madankollu, ir-riżerva annwali ta' solidarjetà inkluża f'din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiddevja mid-dispożizzjonijiet tal-AMMR. L-ewwel nett, il-gwida għat-tqassim hija aktar baxxa mil-livell minimu. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tiddikjara li diversi Stati Membri ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jwieġhdu l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà tagħhom. Barra minn hekk, għadd ta' pajjiżi raw li l-kontribuzzjoni tagħhom tnaqqset kompletament jew parzjalment b'mod awtomatiku, mingħajr ma l-Kunsill ħa deċiżjoni dwar dak it-tnaqqis. Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu direttament permezz ta' miżuri ta' solidarjetà oħra li għandhom jintużaw biss fit-tieni fażi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà. B'riżultat ta'

dan, is-solidarjetà konkreta tammonta għal 962 rilokazzjoni u EUR 74.66 miljun, meta mqabbel ma' 30 000 rilokazzjoni jew EUR 600 miljun identifikati oriġinarjament mill-Kummissjoni.

Id-diskrepanza straordinarja bejn, minn naħa waħda, il-ħtiġijiet u l-obbligi legali identifikati u, min-naħa l-oħra, il-kontenut aħħari tad-Deċiżjoni ma tiggarrantixxix solidarjetà effettiva li tindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni migratorja u lanqas it-twertiq tal-obbligi li l-pajjiżi kollha jikkontribwixxu.

5. Għandu jiġi enfasizzat li r-referenza għal perċentwali indikattiva ta' 42 %, stipulata fl-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni, għandha tinftiehem bħala sehem minimu. Abbażi tad-data għall-perjodu ta' referenza u l-ħtiġijiet identifikati, Spanja tistma li l-perċentwal tar-riżerva li għandu jiġi allokat lill-pajjiżi taħt pressjoni migratorja minħabba livell għoli ta' żbarki wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ għandu jiżdied b'mod sinifikanti.

6. Spanja tinsab imħassba li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi preċedent negattiv, mhux biss għall-pilastru tas-solidarjetà, iżda wkoll għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil kollu kemm u għall-bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà b'sitt xhur biss qabel ma d-dispożizzjonijiet kollha tagħha jieħdu effett sħiħ.

Għaldaqstant Spanja tenfasizza li n-natura eċċezzjonali ta' din id-Deċiżjoni għall-ewwel ċiklu ta' solidarjetà għandu jiġi evitat għalkollox meta jiġu stabbiliti riżervi ta' solidarjetà f'ċikli futuri.

7. Fid-dawl ta' dan kollu, Spanja ma tistax tappoġġa din id-Deċiżjoni. Madankollu, minħabba l-impenn tagħha lejn il-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, id-dikjarazzjoni Spanjola tiddikjara li qed TASTJENI mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni.